# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

**9 ta' Frar, 1961**
**Imħallef :—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Sentenza simili ġiet prenunzjata fl-istess jum u mill-istess Qorti fil-Kawża "Joseph Borg et. ne. vs. Carmelo Caruana ne."**

**Joseph Borg et. ne.**
***versus***
**Neg. Henry Pace ne.**

**Arbitraġġ — Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Kompetenza — Danni — "Malta Arbitration Tribunal" — Art. 10(6) tal-Att numru XXXVIII tal-1948.**

*Huwa veru illi l-"Malta Arbitration Tribunal" huwa t-tribunal kompetenti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi u deċiżjonijiet ta' dak it-tribunal; imma l-azzjoni tal-attur hija diretta biex il-konvenut jiġi kundannat għad-danni minħabba li huwa ma ottemperax ruħu ma' deċiżjoni ta' dak it-tribunal, dik l-azzjoni mhix diretta għall-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, imma azzjoni ordinarja ta' danni, u għalhekk kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-kawża huwa t-tribunal ordinarju.*

Il-Qorti :— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-"Malta Arbitration Tribunal", b' "Award" tal-11 ta' Ġunju 1959, kif interpretat b' "Award" ieħor tat-30 ta' Diċembru 1959, iddeċieda li fejn jiġi wżat "delivery clerk" waqt il-konsenja tal-merkanzija, dan il-"clerk" għandu jkun wieħed li jiġi meħud mir-"roster" tal-"General Workers' Union for Delivery Clerks", u kull "clerk" ieħor li fl-24 ta' Novembru 1956 kien f'dan ix-xogħol bħala impjegat regolarment mal-aġenti, u kull "clerk" ieħor minn dawk il-membri li kienu fl-imsemmi "roster" u mill-24 ta' Novembru 1956 sal-15 ta' Ġunju 1959 ġew regolarment impjegati mal-aġenti; u illi d-ditta konvenuta hija wieħed mix-"Shipping Agents" marbuta bl-imsemmija "awards", u bħala tali hija responsabbli għall-osservanza tal-ordnijiet kontenuti fihom, kif jinsab espres-

sament dikjarat fl-"award" mogħti fil-11 ta' Ġunju 1959; u li f'diversi okkażjonijiet wara l-15 ta' Ġunju 1959 — data meta l-imsemmi "award" beda jseħħ — id-ditta konvenuta wżat bħala "delivery clerk" lil Alessandro Aloisio, li ma setgħax jiġi wżat bħala "delivery clerk" għat-termini tal-"awards" fuq imsemmija; u li bħala konsegwenza ta' dan l-aġir tad-ditta konvenuta, kuntrarju għall-"awards" fuq imsemmija, l-atturi fil-kwalità tagħhom premessa sofrew dannu; talbu, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, senjatament dik li d ditta konvenuta ma setgħetx tuża bħala "delivery clerk" lill-imsemmi Alessandro Aloisio, illi (1) jiġi l-konvenut nomine dikjarat responsabbli lejhom, fil-kwalità tagħhom premessa, għad-danni minnhom sofferti talli d-ditta konvenuta wżat bħala "delivery clerk" persuna li ma setgħetx tiġi hekk użata għat-termini tal-imsemmija "awards"; (2) jiġu likwidati dawn id-danni; (3) u l-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilhom dik is-somma li tiġi likwidata. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti, wara li semgħet lid-difensuri fuq dan il-punt;

Din l-eċċezzjoni hi fondata fuq id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 10(6) tal-Att numru XXXVIII tal-1948. Skond il-konvenut nomine dik id-dispożizzjoni tagħmel kompetenti t-Tribunal tal-Arbitraġġ għal Malta billi tgħid illi l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u deċiżjonijiet tal-imsemmi Tribunal bil-mod stabbilit f'dak l-Att u fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tkun fis-setgħa tal-istess Tribunal;

Però, bl-azzjoni preżenti mhix qegħda tiġi eżegwita s-sentenza fuq imsemmija tat-Tribunal fuq riferit, la bil-mod stabbilit fl-Att fuq imsemmi, u lanqas b'xi mod stabbilit fl-imsemmi Kodiċi, imma qegħdha tiġi eżerċitata l-azzjoni tad-danni kontra l-konvenut nomine talli, fil-waqt li hu jinsab marbut, kif jippretendu l-atturi, bid-deċiżjoni riferita, u kwindi għall-osservanza tal-kondizzjonijiet tal-impjeg indikati f'dik id-deċiżjoni, hu, allegatament, ma osservax dawk il-kondizzjonijiet, u b'hekk arreka danni lill-atturi nomine — kwistjoni li evidentement mhix kwistjoni

ta' xogħol kif intiża fl-Att fuq imsemmi, u kwindi ma taqgħax taħt il-kompetenza tal-imsemmi Tribunal, imma tidħol fil-ġurisdizzjoni tat-tribunali ordinarji; għaliex dak it-Tribunal ġie mwaqqaf biex jinqatgħu minnu kwistjonijiet ta' xogħol kif definiti fl-istess Att, jiġifieri kwistjonijiet jew nuqqas ta' ftehim bejn min iħaddem u l-ħaddiema, jew bejn ħaddiema u ħaddiema oħra, li għandhom x'jaqsmu mal-impjeg, jew mal-pattijiet tal-impjeg, jew mal-kondizzjonijiet tax-xogħol; u ma jistgħax proprijament jingħad li l-kwistjoni tad-danni riżultanti mill-inosservanza ta' deċiżjoni ġa mogħtija, kif fil-każ preżenti, fuq kwistjoni simili, tidħol f'xi waħda minn dawk il-kwistjonijiet, u kwindi fil-kompetenza ta' dak it-Tribunal, ġa ladarba ma ġietx espressament deferita lilu, billi wkoll il-kompetenza ta' tribunal speċjali ma għandiex tiġi, mingħajr ebda dubju, għall-ebda konsiderazzjoni estiża, imma għandha tgħodd biss għall-każijiet espressament kontemplati mill-leġislatur skond l-ispiritu li jkun animah u l-iskop li jkun ippropona meta għamel il-liġi u kkrea t-tribunal speċjali, li għandha tiġi restrittivament interpretata billi tidderoga għall-ġurisdizzjoni, u timmodifika l-ordni ġenerali tal-kompetenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji;

Għaldaqstant tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-inkompetenza; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.